# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' Nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016

**Rikors Numru : 1019/2015 JPG**
**Kawza Numru: 22**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**VS**

**1.Marmista Limited (C21962)**

**2. S.D. Vella Company Limited (C15692) u**

**3. Giuseppe Azzopardi (K.I. numru 753355(M))**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. tat-28 t'Ottubru 2015 guramentat minn Joahanna Bartolo li jaqra hekk:

1. *"Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 30 ta' Novembru 2001 (Dok "A") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' Marmista Limited ;*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-intimata socjeta' Marmista Limited fis-somma ta' hamsin elf, tlett mija u tmienja u disghin Ewro u tnejn u ghoxrin*

*centezmu (€50,398.22) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" ta' Marmista Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1" sa "B4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-9 t'Ottubru 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

3. *Illi bit-termini u kondizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 30 ta' Novembru 2001 (Dok. "A") u fi skrittura privati li kopja taghha qed tigi hawn ezebita u mmarkata Dok."C") il-konvenuta socjeta S.D. Vella Company Limited iggarantiet flimkien u "in solidum" ma Marmista Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Marmista Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;*

4. *Illi bit-termini u kondizzjonijiet imsemmija f'skrittura privata datata 19 ta' Mejju 2009 (Dok. "D") il-konvenut Giuseppe Azzopardi ggarantixxa flimkien u "in solidum" ma Marmista Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Marmista Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;*

5. *Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

6. *Illi l-konvenuti gew nterpellati permezz ta' ittri ufficjali datati 3 t'Ottubru 2012 li kopja taghhom qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. "E", Dok. "F" u Dok. "G", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:-*

1. *Tikkundanna lill- konvenuti jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsin elf, tlett mija u tmienja u disghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€50,398.22) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" ta' Marmista Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1" sa "B4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-9 t'Ottubru 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datati 3 ta' Ottubru 2012 kontra l-konvenut li huma ngunti minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tagħha tal-11 t'April 2016, li bih akkordat lill-intimati terminu ta' gimaghtejn zmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet, għall-finijiet tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-intimati ma ressqu ebda sottomissjoni

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jidher illi z-zewg socjetajiet intimati u l-intimat gew notifikati debitament skont il-ligi, izda baqghu kontumaci.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciz fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm ilkonvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk ittalba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja talkonvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe.**, Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza talQrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***
>
> ***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.***
>
> ***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""***

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

Pero, kif intqal mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet J**oseph Vella vs Pierre Cremona**, deciza fl-10 ta' Ottubru 2003

> ***"[i]l-kontumacja ma tehlisx lill-attur milli jissodisfa rrekwizit tal-ligi li jressaq provi sal-grad almenu ta' probabilita` u li jressaq l-ahjar prova."***

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta rikorrenti ipproduciet bhala xhud lil Johanna Bartolo, li xehdet permezz ta' affidavit ezebit a fol 39 – 40 tal-process. Hija kkonfermat bil-gurament taghha illi bit-termini u kondizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 30 ta' Novembru 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri, li jinsab ezebit a fol 4 – 10 tal-process, is-socjeta rikorrenti ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta Marmista Limited, u permezz tal-istess kuntratt, u anke permezz ta' skrittura privata ezebita in atti a fol 15 - 19 is-socjeta ntimata S. D. Vella Company Limited iggarantiet flimkien u in solidum ma' Marmista Limited a favur tas-socjeta rikorrenti, d-debiti tal-istess Marmista Limited mas-socjeta rikorrenti.

Barra minn hekk, permezz ta' skrittura privata datata 19 ta' Mejju 2009, li tinsab ezebita in atti a fol 20 – 26, l-intimat Giuseppe Azzopardi ukoll iggarantixxa flimkien u in solidum ma' Marmista Limited a favur tas-socjeta rikorrenti, d-debiti tal-istess Marmista Limited mas-socjeta rikorrenti.

Bartolo kkonfermat illi s-socjeta rikorrenti tinsab kreditrici tas-socjeta ntimata Marmista Limited fis-somma ta' €50,398.22, rapprezentanti bilanc ghad-debitu fl-Overdraft Account ta' Marmista Limited mas-socjeta rikorrenti flimkien mal-imghax ulterjuri mid-9 ta' Ottubru 2015 sad-data tal-pagament effettiv. Kompliet illi ghalkemm l-intimat gew interpellati sabiex ihallsu d-dejn imsemmi huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri.

**Rose Cortis** prodotta mis-socjeta rikorrenti xehdet a fol 66 – 67 illi l-indirizz ufficjali tas-socjeta ntimata Marmista Limited huwa 54, Triq iz-Zafghran, Attard, u dan kif jidher mis-sit elettroniku tal-MFSA (Vide Dok. ML01 a fol. 46) . Qalet li ghalkemm Carmel Scerri qal li l-54 m'ghandhom x'jaqsam mas-socjeta Marmista Limited u li l-indirizz taghhom huwa fin-numru 56, mill-verifiki li ghamlet hi stess irrizulta li filfatt in-numru 56 huwa ta' Engel & Volkers.

Hija kkonfermat illi l-ammont dovut mill-intimati huwa fis-somma ta' €50,398.22 , oltre l-imghax mid-9 ta' Ottubru 2015, u mid-data tar-rikors promotur ma sar l-ebda depozitu u ghalhekk is-sitwazzjoni ghada l-istess.

Minkejja l-opportunita' moghtija minn din il-Qorti, s-socjetajiet intimati u l-intimat ma ntavolaw ebda nota ta' sottomissjonijiet.

In vista tax-xhieda prodotti u d-dokumenti ezebiti il-Qorti tqis illi t-talbiet tas-socjeta rikorrenti gew sufficjentement provati u ghalhekk jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement tordna lis-socjetajiet intimati Marmista Limited u S.D. Vella Company Limited u l-intimat Giuseppe Azzopardi jhallsu lis-socjeta rikorrenti flimkien u "in solidum" bejniethom, is-somma ta' hamsin elf, tlett mija u tmienja u disghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€50,398.22), flimkien ma' l-imghax ulterjuri dekoribbli mid-9 t'Ottubru 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet intimati Marmista Limited u S.D. Vella Company Limited u l-intimat Giuseppe Azzopardi.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**